

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/90 tat-22 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/88 tat-22 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela, sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jirrigwardaw lir-rikorrent; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tal-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tiegħu ta' difiża u għal protezzjoni għidżżejjarja effettiva billi ma tħaxx aċċess għall-provi li allegatament isostnu l-inklużjoni tiegħu fil-lista fi żmien raġonevoli.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill wettaq żball ta' evalwazzjoni sa fejn ma weriex li l-azzjonijiet u l-linji ta' politika tar-rikorrent ippreġudikaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' April 2018 – Cabello Rondón vs Il-Kunsill

(Kawża T-248/18)

(2018/C 200/63)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Diosdado Cabello Rondón (il-Venezwela) (rappreżentanti: L. Giuliano u F. Di Gianni, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/90 tat-22 ta' Jannar 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/88 tat-22 ta' Jannar 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela, sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jirrigwardaw lir-rikorrent; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tal-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u d-drittijiet tiegħu ta' difiża u għal protezzjoni għidżżejjarja effettiva billi ma tħaxx aċċess għall-provi li allegatament isostnu l-inklużjoni tiegħu fil-lista fi żmien raġonevoli.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn ma weriex li r-rikorrent huwa involut fl-imminar tad-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela.